# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 233 – It-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7:00p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 232 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 231

## 2.1 Is-Sitwazzjoni ta' Għar Lapsi

Is-Sindku qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill, is-Sur David Vassallo, iltaqgħu mal-Perit Joe Bezzina, mill-Planning Directorate u mas-sur Alex Camilleri mill-Environmnet Directorate tal-MEPA. Ġew esplorati diversi ideat ta' x'jista' jsir kif ukoll l-isfidi li dawn joffru. Matul din il-ġimgħa kellha ssir laqgħa mal-istess uffiċjali fuq is-sit.

## 2.2 Mixegħla Salib tal-Għolja.

Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsilliera kollha xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Jesmond Tanti u lit-tim tiegħu, kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill għall-ħidma li wettqu u għas-suċess li reġa' ntlaħaq din is-sena.

## 2.3 Talba għal żjieda fit-toqob fil-pjazza mill-Għaqda tan-Nar

Is-Sindku talab li tiġi sospiża s-seduta biex rappreżenanti tal-Għaqda tan-Nar ikunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom.

Meta tkompliet is-seduta, is-Sindku qal li għandna niktbu lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali u ninfurmawh li l-Kunsill jinsab fi proċess li jagħmel xi xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-pjazza – liema xogħlijiet jinvolvu t-tneħħija ta' periklu għat-traffiku u l-pedestrians billi jitranġaw diversi faċilitajiet fl-art.

Minħabba li dawn il-faċilatijiet jintużaw kemm mill-Kunsill kif ukoll minn għaqdiet oħrajn tal-lokal, id-direttur hu mitlub jikkonferma li dawn ix-xogħlijiet jikkonformaw ma' dak li tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Meta ġie ikkuntattjat bit-telephone, is-sur Abela qal li ma jidhirx li dawn ix-xogħlijiet ma jikkonformawx mal-liġi, imma xorta waħda esiġa li għandna niktbulu. Is-Sindku għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb immedjatament lid-Direttur u jinforma lill-Kunsill bl-eżitu tat-tweġiba.

Is-Sindku ippropona li jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji u sussegitament jibdew ix-xogħlijiet.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.4 Talba għall-bankijiet f'Binja Ħesri

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li mill-kwotazzjonijet li għaddielu s-Segretarju Eżejkuttiv jipproponi li jiġu ordnati erba' bankijiet.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.
Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## 3.2 Audited Financial Accounts 2010

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li sar l-awditjar u l-kontijiet ġew riveduti skont il-bżonn, kien qed ipoġġihom fuq il-mejda.

Is-Sindku ippropona li dawn jiġu approvati.
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1. Ġnien Annabelle Vassallo

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mingħand Ray Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-MRRA (PPID) fejn informa lill-Kunsill li kien hemm il-ħsieb li l-Ministeru kien beħsiebu jirriabilita fi "ġnien tal-meditazzjoni" lil sit ħdejn il-Knisja tal-Providenza li qabel kien jintuża bħala razzett tal-majjali. Il-Ministeru jixtieq jiddedika dan il-ġnien għal memorja ta' Annabelle Vassallo u għalhekk kien qed jitlob biex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tiġi milqugħa. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 Talba għal kumpens mis-sur Hugh Anastasi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand is-sur Hugh Anastasi għal kumpens ta' €440 għal allegat ħsara li hu għamel fil-vettura tiegħu fi Triq il-Fawwara. Is-Sindku wieġeb li bħal f'każijiet oħrajn, il-Kunsill jagħti biss wara li jkun hemm sentenza ta' qorti jew tribunal.

## 4.3 Petizzjoni minn residenti fi Triq San Nikola dwar ċelebrazzjonijiet mis-Siggiewi Football Club

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nhar il-Ħamis 28 t'April kien irċieva petizzjoni biex attivitajiet ta' ċelebrazzjoni organizzati mis-Siggiewi Footbal Club isiru fil-ground tal-football biex ma joħolqux inkonvenjent lir-residenti. Huwa qal li wara li kkonsulta mas-Sindku huwa informal ill-President tas-Siggiewi Football Club bil-materja u biex dan jilħaq ftehim mar-residenti billi fost oħrajn inaqqas l-inkonvenjent tagħhom.

# 5. KUNTRATTI

## 5.1 Xogħlijiet ta' alterazzjoni, servizzi, finituri u kummissjnar Ċentru Ċivku

Il-Viċi-Sindku u Chairman Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku qal li kienu daħlu żewġ offerti u l-Kumitat kien iltaqa' biex jevalwahom. Huwa poġġa fuq il-mejda r-rapport u rakkomandazzjoni dwar l-aġġudikazzjoni, liema rapport qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti.

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport iġifieri li:-

a. L-Kunsill għandu jipproċedi sabiex jikkonsulta mal-irħas offerent u ċjoè Steel Structures Co. Ltd bil-għan li jitnaqqsu n-numru ta' xogħolijiet sabiex l-offerta tiġim mnaqqsa għal €350,000.00 jew anqas skont il-każ;

b. Jitlob lill-Kunsill jalloka l-fonda meħtieġa ikunu jistgħù jitwettqu x-xogħlijiet indikati fit-tieni tabella nkluża fir-rapport;

c. Jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti ġodda u separati kif spjegat f'dan ir-rapport u wara li l-Kunsill jalloka l-fondi meħtieġa sabiex jitwettqu l-imsemmija xogħlijiet.

Huwa kompla jipproponi li billi x-xogħlijiet marbutin mal-offerti ġodda mistennija li jsiru għall-aħħar tas-sena, dawn jitħallsu fil-bidu tas-sena d-dieħla biex b'hekk l-estimi ta' din is-sena ma jkunux affettwati.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6. HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Applikazzjoni EAFRD

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien daħħal l-applikazzjoni mal-*Foundation Majjistral Action Group* għall-*European Agriculture Funds for Rural Development - Measure 313 Encouragement of Tourism Activities.*

It-talba tinvolvi *recreational area* ħdejn is-Salib tal-Għolja kif ukoll pavimentar tal-passaġġ kif ukoll irranġar tal-fetħa ħdejn il-Knisja ta' San Lawrenz.

Huwa kompla jgħid li mir-riċerkja mad-Dipartiment tal-Artijiet, il-wesgħa bejn il-Knisja tal-Lunzjata u l-madwar tas-Salib tal-Għolja hija art tal-Knisja, u għalhekk qegħdin isiru trattattivi biex isir ftehim ta' *management* u l-art in kwistjoni tiġi amministrata mill-Kunsill matul l-għaxar snin li ġejjin.

**6.2 Tabella Informazzjoni MTA**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mill-MTA biex titwaħħal tabella fil-pjazza preferibilment qrib il-bus terminus. Din it-tabella għan l-għan li turi informazzjoni dwar mixja mal-madwar tal-lokalità immirita prinċipalment għat-turisti

Il-Viċi-Sindku ippropona li din għandha titwaħħal fuq il-latrina pubblika.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Talba għal speed camera jew pedestrian crossing fi Triq Mons M. Azzopardi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mis-sur Jesmond Pace, ta' Chiamond, Triq il-Kbira biex issir speed camera jew pedestrian crossing fi Triq mons M Azzoaprdi.

Huwa qal ukoll li s-sinj. Rosanne Vassallo għamlet ukoll talba għal traffic calming measures fl-istess triq.

Il-Viċi-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà iddiskuta l-ħtieġa li ħdejn Dar iż-Żerniq issir roundabout u għalhekk għandha ssir talba lill-awtoritajiet neċessarji.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Default notice lis-sur Jonathan Callus**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li rċieva r-rapport tax-xogħlijiet għal April 2011 tas-sur Jonathan Callus mingħand il-Works Manager, liema rapport tpoġġa fuq il-mejda, u wara li ra li kien hemm diversi xogħlijiet li ma twettqux, huwa ħareġ default notice lill-imsemmi kuntrattur.

**6.5 Talba għal tħaffir ta' toqba fi Triq San Nikola mill-Grupp tal-Armar**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba biex issir toqba quddiem l-eks propjetà ta' Dr Kalċidon Zammit, biex il-grupp tal-Armar ikun jista' jdendel il-pavaljuni, wara li l-propjetarja preżenti riedet li l-lvent li kien hemm qabel mal-faċċata jinqala'. Il-grupp tal-Armar qal li jekk din it-talba tkun aċċettata, it-toqba ssir mill-istess għaqda.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, dejjem mingħajr preġudizzju għal partijiet terzi, u jekk hem mil-ħtieġa jintalbu l-permessi jew l-awtorizzazzjoni mingħand entitajiet pubblici oħra.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Talba għal mera fi Triq Blat-il Qamar**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sinjura Helen Bonello ta' "Edera", Triq is-Salib għamlet talba biex issir mera fi Triq Blat-il Qamar faċċata ta' Triq is-Salib.

Il-Kunsillier Joe Sammut ippropona li għandha nilqgħu din it-talba. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.7 Tiżjin ta' Triq Mons M Azzopardi matul il-Festa**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva offerta mingħand il-Grupp tal-Armar biex bħas-soltu jarmaw bil-dawl Triq Mons Mikiel Azzopardi fil-jiem tal-festa għall-prezz ta' €1,100.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Korsijiet Life long Learning Ottubru 2011 – Mejju 2012**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'memo 44/11, il-Kunsill qed jiġi mitlub jorganizza mill-ġdid Korsijiet Lifelong learning fl-Ingliż, il-Malti, is-Somom, il-Franċiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, it-Taljan, u kors fl-energy saving fid-djar.

Dawn il-korsijiet isiru fl-iskola primarja u aħna nkunu rridu nħallsu l-purtinara liema spiża titla' għal madwar €2,000. Parti sostanzjali minna tiġi koperta minn ħlasijiet li jagħmlu l-parteċipanti.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda.Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.9 Talba għal bankina fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand is-sur Rueben Zarb għal bankina fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra fejn riċentament kien hemm żvilupp ta' bini. Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.10 Skema Proġetti Speċjali**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont memo 43/11, il-Gvern Ċentrali se joħroġ skema ta' Proġetti Speċjali bil-għan li tinċentiva proġetti kreattivi fil-lokalitajiet kollha. L-aħjar seba' proġetti jiġu magħżula biex jingħataw l-għajnuna. Din se toħroġ f'Awwissu. Biex proġett jirċievi l-għajnuna, irid ikollu l-permessi tal-MEPA.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna ndaħħlu l-proġett tas-shelters tal-pjazza.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.11 Laqgħa għall-għaqdiet, każini u negozji dwar il-festa ta' San Nikola**

Il-Viċi-Sindku ippropona li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa l-1 ta' Ġunju fis-7:30pm.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.12 Petizzjoni mis-Siggiewi Scout Group**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien irċieva ittra iffirmata mis-sur Mario Azzopardi u ffirmata wkoll minn numru ta' persuni fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill wara li l-grupp tal-Iscouts kien mitlub biex joħroġ mill-kamra li juża fl-iskola primarja.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nagħmlu laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju u niddiskutu miegħu din il-materja.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.13 Kwestjunarju dwar il-LES**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva dan il-kwestjunarju dwar id-deployment tal-gwardjani lokali. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, is-Sindku ippropona li ssir sorveljanza waqt il-ħin tad-dħul tat-tfal tal-iskola, il-ħinijet tad-dħul tat-tfal fil-Mużew u l-abbuż tal-ħruġ tal-iskart b'mod partikolari f'Ramija Housing Estate u Binja Ħesri. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fl-10:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis 2 ta' Ġunju, 2011 fis-7:00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum Il-Ħamis 2 ta' Ġunju, 2011**

# APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| parking metres | | 1.16 |
| skips | | 2.33 |
| trenching permits | | 2.33 |
| skips | | 4.64 |
| bbq lapsi | | 6.99 |
| bbq lapsi | | 6.99 |
| bbq lapsi | | 6.99 |
| cranes 2709-2711 | | 6.99 |
| cranes 2712-2715 | | 9.32 |
| activity permit | | 11.65 |
| gozo 18/5/11 | | 15.00 |
| outing 31/5/11 | | 16.00 |
| cranes 2691-2696 | | 18.64 |
| activity permit | | 20.97 |
| cranes 2716-2722 | | 20.97 |
| wsc trenching permits invoices july10 chq56155 | | 25.63 |
| cranes 2699-2707 | | 30.29 |
| wsc trenching permits invoices dec10 chq56511 | | 32.62 |
| wsc trenching permits invoices august10 chq56155 | | 44.27 |
| wsc trenching permits invoices nov10 chq56155 | | 58.25 |
| wsc trenching permits invoices oct10 chq56155 | | 60.58 |
| wsc trenching permits invoices sept10 chq56155 | | 72.23 |
| gozo 18/5/11 | | 75.00 |
| gozo 18/5/11 | | 90.00 |
| kiosks mixghela | | 93.16 |
| gozo 18/5/11 | | 105.00 |
| wsc trenching permits invoices january11 chq56511 | | 109.51 |
| coffee morning  20/4/11 | | 110.00 |
| bov sponsorship mixghela 2011 | | 1000.00 |
| mepa - UIF bus shelters triq mm azzopardi | | 7200.00 |
| a.aquilina - atendance library april11 17hrsx5.86 | 99.62 | |
| a.camilleri - pc april11 inv47 | 847.43 | |
| access point - it agreement may11 inv1771 | 236.00 | |
| access point - tape drive inv1776 | 354.00 | |
| anthony pace - flood lighting mixghela 2011 | 850.00 | |
| arms - electricity dr n.zammit playing filed 27/1/11-1/3/11 | 44.71 | |
| arms - electricity dun a. vella 2/12/10-1/3/11 | 91.62 | |
| ast ltd - cups and saucers x 12 inv6458J1 to pay ritienne | 13.90 | |
| b4 - fabric for curtains hall invmst34069 | 358.92 | |
| bestprint - printing of posters mixghela 2011 ivn7637 | 157.50 | |
| callus - planting public spaces april11 inv1240 less 10%default 1452.30-145.23 | 1307.07 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays april11 20hrsx7.2 | 144.00 | |
| central asphalt - material for patching inv40285 | 1762.15 | |
| cir - march11 | 2570.24 | |
| cookies - snacks icw visit delegation bari 27/4/11 | 16.00 | |
| doi - advert kiosks 20/5/11, closure road car-show 24/5/11 | 18.64 | |
| enemalta - demarcation expenses fee 2011 inv1800000340 | 233.00 | |
| gabba - cherry picker for the uprooting of tree ta kandja inv88 | 65.00 | |
| go - 21462946 april11 | 23.06 | |
| go - 21462946 march11 | 24.35 | |
| go - 21465799/21465805 april11 | 294.34 | |
| go - 21465799/21465805 march11 | 265.97 | |
| go - 21466000 april11 | 22.97 | |
| go - 21466000 march11 | 22.24 | |
| go - 21468874 april11 | 50.55 | |

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| go - 21468874 march11 | 82.50 | |
| go - adsl april11 | 34.94 | |
| go - adsl may11 | 34.94 | |
| grace mizzi - cleaning council premises april11 27.5hrsx4.66 | 128.15 | |
| greenlines - hire of mobile toilets mixghela2011 inv21149 po30/11 | 288.00 | |
| guard&warden - trenching re-instatement 26/4/11 | 71.28 | |
| guard&warden - uprooting of tree at ta kandja 3/5/11 | 39.60 | |
| honoraria april11 | 597.50 | |
| il-fanal - outing 20/4/11 lcs49/07/47 | 187.50 | |
| j.tanti - cookies snacks icw mixghela | 33.50 | |
| klikk - toner for colour printer inv4684 | 74.00 | |
| klikk - toner for colour printer inv4716 | 87.00 | |
| kumitat kongunt - les april11 inv cjc348 | 563.25 | |
| meusac - deposit Measure 313 Rural funds lcs12/11 | 800.00 | |
| milord - cleaning non urban april11 inv248 | 3753.46 | |
| milord - use of diesel for generator mixghela 2011 inv250 | 520.00 | |
| milord - watchman services & trans of generator mixghela 2011 inv249 | 512.00 | |
| mita - email accounts jan-march11 invsin024797 | 14.91 | |
| n.baldacchino - petrol expenses april11 | 82.00 | |
| nvc - operating materials icw mixghela inv4565 po34/11 | 380.35 | |
| nvc - operating materials icw mixghela inv4566 po34/11 | 291.52 | |
| nvc - operating materials po20/11 inv4555 | 19.70 | |
| nvc - operating materials po21/11 inv4556 | 82.70 | |
| nvc - operating materials po22/11 inv4557 | 36.66 | |
| nvc - operating materials po23/11 inv4558 | 83.43 | |
| nvc - operating materials po25/11 inv4559 | 3.00 | |
| nvc - operating materials po27/11 inv4560 | 4.00 | |
| nvc - operating materials po29/11 inv4562 | 15.25 | |
| nvc - operating materials po32/11 inv4563 | 28.74 | |
| nvc - operating materials po33/11 inv4564 | 17.90 | |
| nvc - operating materials po33/11 inv4567 | 17.88 | |
| nvc - operating materials po36/11 inv4568 | 34.45 | |
| p.cutajar - 2 boxes coffee inv559376 | 86.00 | |
| p.farrugia - minerals icw mixghela inv25 | 35.00 | |
| pavi - snacks mixghela2011 inv14920 to pay nikol | 85.00 | |
| pierre farrugia - minerals po45/11 inv82 | 121.00 | |
| police - mixghela 2011 inv32240 | 836.36 | |
| r.attard - ss april11 inv2631 | 3538.25 | |
| r.psaila - tokens outing 19/4/11 lcs49/07/47 | 50.00 | |
| rj video productions - filming mixghela 2011 | 171.10 | |
| salaries april11 | 4524.70 | |
| schembri garage - trasnport weekend break 18/3/11 | 94.40 | |
| silvio's - 15 new folding chairs po31/11 inv1698 | 203.55 | |
| silvio's - hire of 60 chairs for laqgha bdiewa/tctc meeting 6/4/11 po26/11 inv | 42.48 | |
| st ignatius college - cultural activity april11 | 526.51 | |
| tctc - distribution of flyers ecdl march11 inv26308 | 100.00 | |
| vassallo photo studio - photos mixghela 2011 inv026 | 29.50 | |
| vella & farrugia - trangar ta' cint triq mm azzopardi inv43 | 150.00 | |
| vodafone - 99491670 april11 | 127.46 | |
| vodafone - 99762218 april11 | 92.70 | |
| xuereb - increase in fuel expenses july10-march11 inv87 | 1486.40 | |
| xuereb - waste collection 26/3/11-25/4/11 inv88 | 5711.41 | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |